**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 479 / 2022**

**IL-Pulijza**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**Mohammed Knaan**

Illum, 7 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mohamed Knaan ta' 21 sena, imwieled is-Syria fl-20 ta' Jannar 2001, u residenti fil-fond *Trilogy Court*, *Maisonette* 3, Triq l-Ghakrux, gewwa Haz-Zabbar, detentur tar-RefCom bin-numru 31382, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-05/03/2022 ghall-habta ta' 22:00 hrs gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBO 143;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan Sec 15 (1) (a) (3), Chap. 65:
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Sec. 3 (1), Chap. 104:
3. Inqast li turi lill-Pulizija c-certifikat tal-polza tal-assigurazzjoni fiz-zmien stipulat mil-Ligi Sec. 8 (1), Chap. 104:
4. Inqast li tipproduci l-licenzja tas-sewqan meta gejt mitlub taghmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita' fi zmien kif stipulat mill-Ligi Sec. 77, L.S. 65.18:
5. Inqast u/jew irrifjutajt li taghti jew tajt falz lill-puluzija jew ufficjal iehor meta talabkhom waqt il-qadi ta' dmirijietu, ismek u kunjomok, fejn toqghod u partikolarijiet ohra Sec. 338 (g), Chap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) peress illi ma' rrizultawx, sabithu hati tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15(1)(a)) u kkundannatu jhallas multa ta' tlett mitt euro (€300). Din il-multa ghandha tithallas f' pagamenti mensili ugwali fuq medda ta' sitt xhur ai termini tal-Art. 14(2) tal-Kap.. 9 b' dan illi jekk ma jsirx hlas ta' xi wiehed mill-pagamenti l-bilanc jsir dovut u jkollu jithallas kollu minnufih. B' zieda mal-piena l-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti Qorti togħoġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. **Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih mill-Prosekuzzjoni u **tikkonfermaha** wkoll fir-rigward tal-piena erogata u tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' tmint (08) ijiet fir-rigward ta' din l-istess imputazzjoni;

**<u>U</u>**

2. **Tikkonfermaha** wkoll fil-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tielet, mir-raba' u mill-ħamest imputazzjonijiet dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni;

**<u>U</u>**

3. **Tħassarha u tirrevokaha** f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni (ċioè tar-reat ikkontemplat taħt is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta), u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat illi fil-11 ta' Novembru 2022, l-esponenti irċieviet mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassha aggravata bihom b'mod ċar u manifest hekk kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

Illi, a skans ta' kull ekwivoku, l-esponenti tippreċiża illi l-aggravju tagħha **<u>huwa limitat għat-tieni imputazzjoni biss</u>**, ċioé in kwantu li l-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni hekk kif ravvizzata taħt is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni, l-esponenti umilmenti u b'kull dovut rispett tissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi hekk kif ser jiġi spjegat.

Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati osservat li kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura trid tkun minimament tkopri t-terzi persuni u għaldaqstant, m'huwix possibbli li kumpannija ta' assigurazzjoni toħroġ polza ta' assigurazzjoni ta' vettura mingħajr ma' tkopri t-terzi. Osservat li ġjaladarba tiġi esebita l-polza tal-assigurazzjoni, allura dan ikun ifisser li r-reat ikkontemplat fis-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi kompletament eskluż. In vista ta' din l-interpretazzjoni, il-Qorti

kkonkludiet li fir-rigward tal-koperatura tat-terz ma tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura u kkawża d-danni kellux liċenzja tas-sewqan jew le, għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwix b'xi mod mod eskluż mill-koperatura tal-polza jew le.

Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti tibda billi tagħmel referenza għas-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema jistipula illi:

> *3.(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*

Illi minn dan is-subartikolu, jermerġu s-segwenti elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex ir-reat in kwistjoni jissussissti:

1. L-imputat/a: fil-każ ta' *użu*, l-imputat jista' ikun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taħt il-liġi. Fil-każ ta' *iġiegħel jew iħalli*, l-imputat irid ikun sid il-vettura, xi ħadd li għandu pussess tagħha jew inkellha xi ħadd li lilu ġiet fdata l-vettura;
2. Il-vettura bil-mutur: trid tintuza vettura bil-mutur sabiex dan ir-reat jissussissti;
3. Il-lok: il-vettura bil-mutur trid tintuża fit-toroq;
4. Il-persuna li tkun qiegħda ssuq il-vettura trid tkun koperta, għall-użu ta' dik il-vettura minnha, b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Illi dwar l-ewwel tliet elementi, ma hemm l-ebda kontestazzjoni u in fatti l-Qorti rat li dawn ġew ampjament pruvati. Però, il-Qorti kkonkludiet li r-raba' element ma ġiex sodisfatt u għaldaqstant illiberat lill-appellat. Huwa f'dan ir-rigward li l-esponenti, dejjem bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Maġistrati, mhux qiegħda taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija minnha. Fl-umli fehma tal-esponenti, ai fini ta' dan l-element, li hu rikjest li jiġi ppruvat hu li s-sewwieq ta' vettura huwa kopert, **<u>għall-użu tal-vettura</u>**

**minnu,** b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Hekk kif ġie osservat fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Emeritus Imħallef Lawrence Quintano, fil-każ fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs. Maximilian Ciantar fl-24 ta' Ottubru 2011:[1]

> *Is-serħan tal-moħħ li l-vittma għandu ċans ikbar għar-riżarċiment tad-dannu ċivilment minħabba li kull karozza trid tkun assigurata* ***bl-ebda mod ma jxejjen id-dmir li kull sewwieq ikun assigurat u li jekk jonqos li jagħmel dan jista' jinstab ħati ta' reat****.*

Illi dan ifisser li kull sewwieq għandu d-dmir bil-liġi li jkun personalment assigurat b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, għall-użu tal-vettura minnu. Allura, fil-każ in eżami, dan ifisser ukoll li l-imputat, qua appellat, ried jipprova lill-Qorti tal-Maġistrati li huwa, bħala sewwieq tal-vettura in kwistjoni, kien kopert personalment, għall-użu ta' dik il-vettura, b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Illi ai termini tas-subartikolu 1A tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).*

Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, huwa evidenti li l-leġislatur qiegħed fuq l-ispalla tal-**persuna akkużata** (u ċioè min juża jew inkella min iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur) il-ħtieġa li hija teżonera ruħha mir-responsabbiltà kriminali billi:

---

[1] Appell numru 351/2011.

- F’każ li l-persuna akkużata hija s-sewwieq tal-vettura, hija trid tippreżenta fl-atti tal-kawża ċ-ċertifikat tal-polza tal-assigurazzjoni li juri li, bħala sewwieq tal-vettura, hija koperta bl-istess għall-użu tal-vettura minnha.
- F’każ li l-persuna akkużata hija dik li ġiegħlet jew ħalliet persuna oħra tuża l-vettura, trid tippreżenta ċ-ċertifikat tal-polza tal-assigurazzjoni li juri li, dik il-persuna l-oħra li użat il-vettura, kienet koperta bl-istess għall-użu ta’ dik il-vettura.

Dan għaliex ma jfissirx li għalkemm tkun inħarġet polza ta’ assigurazzjoni fuq vettura, is-sewwieq tal-istess ikun neċessarjament kopert bl-istess.

Illi f’dan il-każ in eżami, l-appellat kien is-sewwieq tal-vettura. Huwa ressaq il-prova quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-polza ta’ assigurazzjoni relatata mal-vettura in kwistjoni. Iżda’ però, minkejja li ġiet esebita din il-polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-*policyholder and any person aged 25 years and over driving on the policyholder’s order or permission*, l-esponenti tissottometti li qatt ma jista’ jkun li l-appellat ikun kopert b’tali polza u dan in vista tal-fatt li fid-data tar-reat in kwistjoni, l-appellat, ma kellux liċenzja valida tas-sewqan. In vista ta’ din ir-raġuni, l-appellat kellu jinstab ħati tar-reat ikkontemplat taħt is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-esponenti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Emeritus Imħallef Lawrence Quintano, fil-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Zahra, mogħtija fit-2 ta’ Lulju 2012[2]. F’dak il-każ, Joseph Zahra kien akkużat talli (i) saq mingħajr liċenzja tas-sewqan u (ii) talli ma kienx kopert, għall-użu tal-vettura minnu, b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa kien ammetta talli saq mingħajr liċenzja tas-sewqan u l-Qorti tal-Maġistrati pproċediet billi sabitu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet addebitati lilu. Huwa kien intavola rikors t’appell fejn kien talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha. Wara li għarblet il-provi kollha miġjuba quddiemha, il-Qorti tal-Appell, f’dak il-każ osservat illi:

[2] Appell numru 6/2012.

*hemm ammissjoni tal-ewwel imputazzjoni da parti tal-appellant*[3] *u din awtomatikament iġġib ħtija fit-tieni waħda- jiġifieri l-imputazzjoni li l-appellant ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.*

Bl-istess mod fil-każ odjern, il-ħtija fl-appellat tal-ewwel imputazjoni u ċioè li huwa saq mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan, awtomatikament iġġib ħtija tat-tieni imputazzjoni u ċioè tar-reat ikkontemplat taħt is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar ir-reat in eżami, l-esponenti tirrileva li l-Qrati tagħna kemm il-darba kellhom l-opportunità li japprofondixxu dwar l-interpretazzjoni tiegħu. In fatti, l-esponenti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Imħallef Giovanni M. Grixti, fil-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Gatt[4] mogħtija fit-18 ta' Jannar 2016, f'liema sentenza, il-Qorti osservat illi:

*Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi* ***sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap. 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbLigi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbLigi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned <u>ma jistghax jitqies li jezonera lill-kull sewwieq mill-obbLigi tieghu taht il-Kapitolu 104</u>***. *Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles*

[3] L-ewwel imputazzjoni kienet titratta dwar sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-awtorità kompetenti.

[4] Appell numru 265/2014.

*Galea (7.5.2007) u oħrajn "dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu..".*

Illi fis-sentenza mogħtija milli din l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Emeritus Prim Imħallef Silvio Camilleri, fil-każ fl-ismijiet il-Pulizija vs. Andre Apap fl-4 ta' Frar 2011[5], il-Qorti osservat illi:

***Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 hu cjar u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)"*** *tal-Kap.. 104.* ***Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni****.*

Illi in oltre, fl-umli fehma tal-esponenti, bil-mod kif is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta huwa redatt, ma hemm l-ebda interpretazzjoni li tista' tingħata għajr waħda: li l-kliem *għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra* użati fl-appena imsemmi subartikolu, jfissru **illi <u>l-polza tal-assigurazzjoni għandha tkopri il-persuna li tkun qiegħda tuża l-vettura</u> u mhux il-vettura nnifisha**.

Illi b'kull dovut rispett, l-esponenti tissottometti li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-każ odjern hija waħda li għandha konsegwenzi ferm serji u saħansitra perikolużi. Dan qiegħed jingħad stante li, bl-interpretazzjoni mogħtija f'dan il-każ mill-Qorti tal-Maġistrati, qiegħed jintbgħat messaġġ lill-pubbliku in ġenerali li kwalunkwe persuna tista' issuq kwalunkwe vettura basta li dik il-vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Ġjaladarba hemm dik il-polza tal-assigurazzjoni, is-sewwieq ikun eżonerat mir-reat ikkontemplat taħt is-subartikolu 1 tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, irrispettivament jekk ikunx intestat bħala *authorized driver* fil-polza

---

[5] Appell numru 400/2010.

tal-assigurazzjoni; u saħansitra, irrispettivament jekk ikollux liċenzja tas-sewqan jew jekk is-sewwieq ikunx tal-età.

Illi l-interpretazzjoni hekk mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-każ odjern ċertament tmur kontra l-ispirtu tal-liġi u l-intendiment tal-leġislatur meta ġiet introdotta l-preżunjoni taħt is-subartikolu 1A tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104. In fatti, fid-dibattati tal-deputati ta' nhar it-13 ta' Novembru 2002, f'liema dibattati ġew diskussi l-introduzzjoni tas-subartikoli 3(1A) u 3(1B) tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema subartikoli daħħlu fis-seħħ permezz tal-Att XXX tal-2002, il-Ministru għat-Transport u Kommunikazzjoni ta' dak iż-żmien Ċensu Galea aċċena għall-bżonn li *jiġi assigurat li kull persuna li tkun qed issuq jkollha insurance cover.*[6] Kwindi anke l-leġislatur wera biċ-ċar l-intendiment tiegħu bl-introduzzjoni tas-subartikolu 1A tal-artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li l-polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni trid tkun tkopri lis-sewwieq tal-vettura u mhux il-vettura nnifisha.

Illi huwa minnu li l-liġi taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta hija intiża qabel kollox sabiex tipproteġi l-interessi ta' terzi persuni u huwa minnu ukoll li l-assigurazzjoni hija dejjem marbuta tagħmel tajjeb għad-dejn ċivili favur terzi persuni skont il-liġi. Madanakollu, dan ma jfissirx li allura kull sewwieq ikun eżonerat mill-obbLigi tiegħu taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza il-Qorti rat l-affidavit ta' Wayne Azzoardi mahluf minnu nhar it-13 t' April 2022 fejn stqarr li nhar il-5 ta' Marzu, 2022, ghall-habta tal-22.00.p.m kien fi Triq Dicembru 13, il-Marsa flimkien ma kollega tieghu PC 743 Emanuel Cassallo u kienu sejrin jaffettwaw 'roadchecks'. F'dak il-hin innota vettura bin-numru ta' registrazzjoni

[6] Kamra tad-Deputati, Rapport Uffiċjali u Riverdut, Id-disa' Parliament, Laqgħa numru 814, l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2002.

HBO-143 tal-ghamla Volkwsagen Passat li ghaldaqstant huwa flimkien mal-kollega tieghu ghamlu Sinjal lix-xuffier sabiex jitfa' fil-genb u inzerta li kien l-appellant odjern resident gewwa Trilogy Court Masionetter 3, Triq il Ghakrux Zabbar.

Huwa talab lill-appellant itih il-polza ta' sigurta' tal-vettura u l-licenzja tas-sewqan izda tah licenzja ta' sewqan ta' persuna ohra. Ghalhekk minn aktar stharrig li sar mal-control room tal-Pulizija irrizulta lil-vettua koncernata kellha l-licenzja u polza ta' assigurazzjoni validi imma fuq certu Av Hussein Ali. Jirrizulta ukoll lill-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan u polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u ghalhekk informah li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

Wara li l-Pulizija ppruvat taghmel kuntatt mas-sid tal-vettura li huwa Av Hussein Ali irrizulta fin-negattiv u ghalhekk inahrgu l-akkuzi fil-konfront tieghu ghar-raguni li ppermetta l-vettura tieghu tintuza minn l-appellant odjern minghajr ma l-persuna kellha l-licenzja valida.

Rat l-affidavit rilaxxjata minn PC 743 Emanuel Vassallo nhar it-13 ta' April 2022 u dan stqarr li nhar il-5 ta' Marzu, 2022 ghall-habta tal-22.00p.m Pulizija mir-Rapid Intervention Unit flimkien mieghu u PC 203 kienu qed iwettqu road block fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa, direzzjoni lejn Furjana. Matul dan ir-road check giet imwaqqfa vettura li kienet tghajjat lil certu Ali Hussein Ali filwaqt li s-sewwieq tal-vettura kien l-appellant. Meta is-sewwieq tal-vettura gie mitlub sabiex jipprovdi licenzja valida tas-sewqan huwa provda wahda li ma hiex tieghu. Ali Hussien gie infurmat li ser jinhargulu l-akkzui relatati ma dawn l-irregolaritajiet fil-konfront tieghu.

Xehed ukoll Stephen Cachia ghan nom ta' Transport Malta nhar il-25 ta' Ottubru, 2022, u pprezenta dokument li jindika li l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqa mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u li kopja ta' polza ta' sigurta' fuq il-vettura Numru ta'

registrazzjoni HBO 143 tal-ghamla Volkswagen Passat hija mahruga f'isem Ali Hussein Ali.

Minn ezami ta' dan id-dokument ma jidhirx li l-appellant odjern kien awtorizzat isuq din il-vettura jew ahjar ma kienx kopert b'din il-polza ta' sigurta'.

Illi l-ewwel Qorti sabitu hati biss tal-ewwel akkuza u kkundannatu multa ta' tlett mitt euro (€300) u illiberatu mil-akkuzi l-ohra.

Dan hu appell mill Avukat Generali fejn isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-Ligi u kellha issib lill-appellant ukoll hati tat-tieni akkuza kif moghtija mill-proskeuzzjoni. L-aggravju imessaq mill-Avukat Generali hu bazat fuq l-Artikolu 3 tal-Kap.itolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-interpretazzjoni taghha. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:_

> *'3. (1) subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in force in relation to the user of the vehicle by that person or that other person, as the case may be, such a policy of insurance in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance*

L-ewwel Qorti stqarret fis-sentenza taghha li l-intenzjoni tal-legislatur wara l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 hija sabiex tipprotegi terzi u mhux sabiex is-sewwieq jigi penalizzat minkejja li jista' jkun mhux kopert bi polza ta' sigurta'. Jekk ikun hemm polza li tkopri l-vettura allura sostniet l-ewwel Qorti m'ghandux ikun hemm responsabilita kriminali. L-ewwel Qorti stqarret ukoll li hija mgharrfa li jezistu intepretazzjonijeit diversi ghal dan l-Artikolu tal-Ligi u li uhud mis-sentenzi tal-Qorti jghidu li mhux bizzejjed li l-vettura tkun koperta b' polza ta' sigurta' izda is-sewwieq ghandu ukoll ikun kopert bil-polza. Minkejja dan l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma taqbilx mar-ragunament ahhari.

Mill-banda l-ohra l-Avukat Genrali tishaq li kemm is-ewwieq tal-vettura kif ukoll il-vettura ghandhom ikunu koperti bi polza ta' sigurta' u f'kaz li s-sewwiq ma ikunx kopert bi polza ta' sigurta' allura ghandu jinsab hati tar-reat kif dispost fl-artikolu 3 (1) tal-Kap.itolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-divesi sentenzi li inghataw mill-Qrati domestici taghna fejn hemm divergenza ghall-interpretazzjoni tal-Artikou 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta tista tigi notata. Referenza ghandha issir ukoll ghal prova ta' polza ta' sigurta' u li l-parti akkuzata ghandha tressaq 'l quddiem.

Fis-sentenza **il-Pulizija vs Angelo Scudari** [7]gie notat li:-

> *"li dwar it-tieni aggravju w cioe' li l-karenza tal-licenzja tas-sewqan ma timplikax necessarjament il-htija taht ittielet imputazzjoni, jirrizulta li fil-fatt il-van Transit AVY-012 li kien isuq l-appellant kien kopert b' assikurazzjoni mallVictoria Insurance Agency Ltd. ghall-periodu bejn l-1 ta' Frar, 2004 sal-31 ta' Jannar, 2005 (fol. 3) Kwindi fid-data in kwistjoni kien hemm assikurazzjoni.*
>
> *Illi l-appellant silet argument mill-artikolu 10(1) talKap.104 li jghid testwalment hekk ;-*
>
> *"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta'' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it 3 ta' Novembru 2005 .

*assikuratur kull soma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar irresponsabbilta' fuq imsemmija …." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.*

*Illi minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-Ligi fis-subartikolu (1) fuq citat."*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Stefan Apap</u>** [8] iddecidiet fuq l-istess binarju bhal dak milqugh fis-sentenza ta' Scuderi

*"Illi ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan bla kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti: "Il**<u>-Pulizija vs. Angelo Scuderi</u>**" [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, **<u>ma kellux licenzja tas-sewqan pero' kien irrizulta li -lvettura li kien qed isuq kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni.</u>***

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' April 2007

*F' dik il-kawza l-appellant kien silet b'success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap..104 li jghid testwalment hekk ;-*

*"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta'' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta' fuq imsemmija …." (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.*

***Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fissubartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, ddriver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm ilkopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-Ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.***

***Jidher li dan il-kaz bhala fattispecji hu simili hafna ghal dak ta' Scuderi, fejn ukoll irrizuta li l-appellant kien qed isuq vettura li kienet assikurata pero' hu ma kellux licenzja.***

*Ikkonsidrat;*

*Illi huwa minnu li bejn l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-artikolu 10 (1)(2) u (3) fil-kaz ta' Scuderi fuq citat u l-artikolu 3 (1A) tal-Kap..104 jista' jkun hemm certa kontradizzjoni apparenti*

*Din pero' fil-fehma tal-Qorti hija biss apparenti w tista' tigi rikonciljata. Di fatti fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l**-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz prezenti u kif kien dak ta' Scuderi, jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti kopert bl-istess polza.***

*Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment u x' aktarx ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap.. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.*

*Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap..104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn*

*ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).*

*Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi."*[9]

L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Emanuel Zarb</u>** [10]fejn hemm referenza sepcifika ghall-Artikolu 3 91) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Referenza kien hemm ukoll ghas-entenzi appena citati aktar il-fuq;-

***<u>"Id-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 hija cara u ma thalli lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta "ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi ghal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu;</u>***

*Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal ghal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-*

---

[9] Vide anke **<u>Il-Pulizija vs Charles Galea</u>** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is 7 ta' Mejju, 2007.

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Amrzu 2015

*assigurat u huma ghal kollox estranei ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni.*

*Illi dak ritenut fis-sentenza in re Scuderi gie kkonfermat b'diversi sentenzi ohra ta' din il-Qorti fosthom **Il-Pulizija vs Joseph Micallef (30.03.2006), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.04.2007), Il-Pulizija vs Nicky Pace (04.04.2007), Il-Pulizija vs Charles Galea (07.05.2007), Il-Pulizija vs Emanuel Bonello (27.07.2007), Il-Pulizija vs Oliver Camilleri (09.08.2007) u l-Pulizija vs George Mizzi (05.11.2008);***

*Illi effettivament dawn is-sentenzi, kif spjegat, jittrattaw principalment fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fil-kaz in dizamina l-appellant ghamel prova tal-ezistenza tal-prova assigurattiva u mar oltre billi ghamel il-prova li effettivament is-socjeta assikurattrici irrizarciet id-danni tas-sinistrata. **Ghalhekk, una volta li jirrizulta li kien hemm polza fis-sehh ghal-finijiet tal-Kap. 104, l-esponent ghandu jigi wkoll illiberat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrih**;"*

Il-Kapitolu 104 huwa simili ghal UK Road traffic Act 1988. Lord Denning fis-sentenza tieghu fl-ismijiet **Nettleship vs Weston**[11] jghid is-egwenti:-

***"Parliament requires every driver to be insured against third party risks. The reason is so that a person injured by a motor car should not be left to bear the loss on his own, but should be compensated out of the insurance fund. The fund is better able to bear it than he can. But the injured person is only able to recover if the driver is liable in law. So the judges see to it that he is liable"***

---

[11] [1971] 2 QB 691 p699.

Referenza len ir Road Traffic Act imsemmija aktar 'l fuq saret fis-sentenza **il-Pulizija vs Jonathon Grech**[12]**.** Din is-sentenza tat interpretazzjoni differenti lejn l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inter alia ukoll ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra.

> *"ILli kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Plamen Petkov**" [2.11.2006]:-*
>
> *"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef**" [18.9.2002] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza "**Il-Pulizija vs. Carlo Abela**" [15.07.96] **fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali, ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver.**[13] Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert . F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra rriskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.*

---

12

13 Emphasis of this Court.

*"Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kap.itolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:-*

*"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta' din ilQorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

*"Illi it-test tal-Ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-*

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

*"Illi l-pozizzjoni fil-Ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-ARCHBOLD [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417]*

*fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-Ligi Ingliza:-*
*Ingliza:-*

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time: Philcox vs. Carberry {1960} Crim. L.R. 563, D.C."*

*"Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall Criminal Law Review, 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-*

*"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England, 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases. It was stated by Talbot J., obiter, in "__Williams v. Russell__" (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case."*

*"Umbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1992) [Blackstone Press Limited, p.1788] jghid:-*

*"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured. (Williams v. Russell [1933] 149 LT 190; Philcox v. Carberry [1960] Crim. L.R. 563)."* [14]

*Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dan li l-iskwalifika tal-licenzja kollha tas-sewqan tibda' ssehh minn nofs il-lejl (12 pm) tal-lum."*

B'zieda din il-Onorabbli Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **__il-Pulizija vs Joseph Gatt__** [15]fejn hemmhekk saret referenza kemm ghas-sentenza ta' Scueri kif ukoll ghal dik ta' Apap:

[14] vide **__Il-Pulizija vs Tarquin Vella__** Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Marzu 2021.

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Jannar 2016

*appellant esebixxa kopja ta' polza quddiem l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-istess. Din il-polza inharget mis-socjeta' Middlesea Insurance plc fit-12 ta' Marzu 2013 u kienet effettiva sal-11 ta' Marzu 2014. L-assikurat huwa certu Joseph Gatt karta tal-identita' numru 0212759 M li allura ma huwiex l-appellant li ghandu karta tal-identita' numru 258395 M izda, u prezumbilment missier l-appellant. Din il-polza tkopri ukoll l-uzu tal-vettura NOS 200 li hija l-istess wahda intercettata mill-Pulizija filwaqt li kienet misjuqa mill-appellant. L-polza tindika dawk li huma msejjha Limitations as to use u f'dan il-kaz huma: Use for social domestic and pleasure purposes and for your own business. Excluding use for hire or reward or for tuition, racing, pace making, reliability, trial or speed testing or for any purpose in connection with the Motor Trade. Dik il-parti intestata Authorised Driver/s Details imbaghad tindika biss The Policy Holder Only.*

*Illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li certament mhix l-appellant, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jaghmel dan ghal zewg ragunijet. L-ewwel argument tieghu hu li l-policy schedule fil-pagna 19, igifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu citat mill-appellant ma jghidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiz mill-appellant izda jghid biss illi f'kaz li l-assikurazzjoni tkun kostretta taghmel tajjeb ghall-eventwalitajiet hemm imsemmija skond il-Ligi, ikollha dritt li tirkupra dak il-hlas minghand il-persuna li minhabba fiha ikun sar il-hlas. L-appellant imbaghad, in sostenn tat-tieni raguni fl-aggravju tieghu, jaghmel referenza ghal-sentenzi ta' din il-Qorti* ***<u>Il-Pulizija vs Angelo Scuderi</u>*** *(App Krim 3.11.2005) u* ***<u>Il-Pulizija vs Mirko Giannetti</u>*** *(App Krim 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issahhah l-argument tieghu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta taghmel tajjeb ghal-dejn civili favur terzi skond il-Ligi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat.* ***Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap. 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan.*** *Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut*

*rigward, l-obbLigi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbLigi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned ma jistghax jitqies li jezonera lill-kull sewwieq mill-obbLigi tieghu taht il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha* ***Il-Pulizija vs Andre Apap*** *tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha* ***Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn*** *"dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu..".* ***Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha taghti xi interpretazzjoni diversa ghal-artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kap.itolu 104 u ghalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat. Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju qed ikun michud;"***

Din l-Onorabbli Qorti tosserva li kemm l-ewwel Qorti kif ukoll L-Avuakt Genrali qed ighidu li l-posizjoni taghhom tirrifletti l-mratio legist al-legislatur meta l-Ligi giet draftjata. Sabiex jigi skartat kwalsiasi incertezza legali, din il-Qorti sejra tirriproduci l-estratt dwar dak li intqal fil-Parlament meta din il-Ligi kienet qed tigi diskussa.

***"ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR L-ASSIGURAZZJONI TA' VETTURI TAL-MUTUR GĦAR-RISKJI TA' TERZI PERSUNI***

***MOTOR VEHICLES INSURANCE (THIRD-PARTY RISKS) (AMENDMENT) BILL***

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mit-12 ta' Novembru 2002.*

*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**MR SPEAKER**: *Il-Ministru Ċensu Galea huwa in possession.*

***ONOR. ĊENSU GALEA (Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni)****: Mr Speaker, il-bieraħ filgħaxija bdejt il-winding up u kont qed ngħid li mill-mod li bih tkellmu l-kelliema taż-żewġ naħat tal-Kamra jidher li kulħadd huwa konxju mill-problemi li għandna f'dak li huwa l-immaniġġjar tat-traffiku fil-pajjiż u dwar il-bżonn ta` ċerti miżuri li huma meħtieġa biex nipprovaw intejbu l-kwalita` tas-sewqan u s-sitwazzjoni tat-traffiku f'pajjiżna. Wieħed jista` jgħid li dan l-abbozz ta` liġi jitkellem ukoll dwar il-ħtieġa ta' kumpens fuq claims li jsiru mill-insurances ta' dawk li jħossu li huma aggravati b'riżultat ta' inċident partikolari, dwar il-mod ta' kif issir l-assigurazzjoni tal-vetturi u dwar il-mod ta' kif tinżamm l-informazzjoni dwar dawk li jkunu assigurati u dwar id-drittijiet li joriġinaw minn insurance cover li toħroġ b'riżultat tal-policy marbuta ma' l-insurance f'pajjiżna.*

*Sur President, punt li ssemma mill-kelliema taż-żewġ naħat tal-Kamra kien jirrigwarda l-ħtieġa li kull vettura tkun verament inxurjata, u dan irirrespettivament mill-eta` ta` sid il-vettura. Hawnhekk kien hemm riferenza għall-kwestjonijiet li qamu riċentement dwar l-insurance ta' persuni li huma taħt il-21 sena. Issemmiet il-ħtieġa li dawn il-persuni m'għandhomx jiġu eliminati mill-insurance cover tagħhom, anzi għandu jkun assigurat li bħal persuni l-oħrajn kollha, dawn ikunu wkoll covered bl-insurance. Huwa importanti li l-preparazzjoni li ssir biex wieħed jieħu l-liċenzja tas-sewqan tkun preparazzjoni tali li dak li jkun, irrispettivament mill-eta`, ikun jista' jingħata l-insurance cover li hija meħtieġa biex isuq vettura. F'dan l-abbozz ta' liġi hemm indikazzjoni ċara ta' x'tip ta' insurance għandu jkun hemm għad-diversi vetturi. Hemm bżonn li din l-informazzjoni tkun miġbura għand il-bord li jkun responsabbli minnha biex jiġi assigurat li l-vetturi kollha jkunu inxurjati ħalli jekk kemm-il darba jkun hemm claims minn xi persuna jew grupp ta' persuni li jħossu li għandhom dritt li jingħataw xi kumpens minħabba xi inċident li kienu involuti fih, ikun mod kif jiġi*

*stabbilit kif inhuma inxurjati u x'informazzjoni oħra marbuta ma' insurance bħal din.*

*Sur President, f'dan l-abbozz jingħad ukoll il-mod ta' kif wieħed jista' jkun inxurjat, il-mod ta' kif kumpannija li tagħmel l-assigurazzjoni tista` twaqqaf milli vettura tkun covered u x'għandu jsir f'każ bħal dan. Ovvjament ma nistgħux inħallu li wieħed jitlef l-insurance cover tiegħu mingħajr ma jkun informat għaliex. Ma jsiatx ikun li wieħed jitlef l-insurance cover tiegħu sempliċiment għax xi ħadd fettilu jagħmel hekk.* ***Id-dritt li vettura tkun inxurjata m'huwiex biss obbligu min-naħa ta' min jipprovdi l-insurance, imma huwa dover ta' min għandu liċenzja li jsuq f'dan il-pajjiż jew f'xi pajjiż ieħor. Min isuq irid ikun covered b'insurance biex ikun żgurat li jekk kemm-il darba ikun involut f'inċident ikun jista` jsewwi l-ħsarat u jingħata l-kumpens.*** *Kif qal l-Onor. Debono Grech il-bieraħ ikun għal xejn li wieħed ikollu insurance cover biex ikun jista` jingħata ammont ta` flus jekk fl-inċident li kien involut fih imut jew jibqa` korrut b'mod permanenti. L-ideali jibqa' dejjem li ma jkunx hemm inċidenti ħalli ma jkunx hemm ħtieġa li jingħata l-kumpens. Pero` r-relata` tal-ħajja tibqa' waħda, irridu jew ma rridux xorta jibqa` jkollna inċdienti. Allura b'din il-liġi qed jiġi assigurat li f'każ li jkun hemm inċident u jintalab kumpens għal dawk il-ħsarat li jkunu ġraw ikun hemm il-mod ta' kif dan il-kumpens jiġi mogħti.*

*Sur President, f'dan l-abbozz ta' liġi qed jingħad ukoll li rridu naraw li mhux biss il-vetturi li huma reġistrati Malta jkunu covered b'insurance, imma anke l-vetturi li jiġu minn barra, biex b'hekk jiġi assigurat li jekk kemm-il darba dawn il-vetturi jkunu involuti f'xi inċident tat-traffiku dawn ikunu jistgħu jingħataw il-kumpens meħtieġ. Bl-istess mod irid jiġi assigurat li meta vetturi ta` sidien Maltin ikunu barra minn Malta jkunu wkoll covered b'insurance biex kemm-il darba jkun hemm xi inċident ikun hemm il-garanzija wieħed ikun jista` jiġi kompensat għad-danni li jista` jikkawża kemm fuq vetturi kif ukoll fuq persuni li jkunu qegħdin fl-istess karozza miegħu jew fuq persuni li jkunu f'karozzi oħra. Barra minn hekk dan l-abbozz għandu artiklu ġdid li jagħti l-poter lil min ikun responabbli mit-trasport li*

*minn żmien għal żmien jagħmel il-verifiki meħtieġa fuq il-karozzi, b'mod partikolari dawk li jiġu minn barra minn Malta ħalli jaraw li dawn huma covered b'insurance għax jista` jkun li wieħed jgħid li għandu insurance cover, jew forsi ma jgħid xejn, imbagħad meta jikkawża xi inċident jinstab li ma kienx hemm insurance cover. Qed jingħad ukoll li jekk persuna li tkun residenti f'Malta jew f'xi wieħed mill-istati li jissemmgħu fl-istess abbozz ta' liġi tkun involuta f'xi inċident għandha dritt tinizzja l-proċeduri – l-abbozz fih id-dettalji kif dan jista` jsir – biex tiġi kompensata għad-danni li tkun sofriet. F'dan ir-rigward ukoll il-kumpanniji li jipprovdu l-assigurazzjoni għandhom irid ikollhom regolamenti dwar il-mod ta' kif jinħatar rappreżentant tagħhom jekk kemm-il darba jkun hemm inċidenti barra minn Malta li jirrigwardaw claims. Fil-fatt fl-abbozz hawn id-dettalji kollha dwar kif kumpannija li qed tipprovdi l-insurance tkun tista' tagħmel dawk il-verifiki neċessarji biex ikun assigurat li jiġri fejn jiġri l-inċident ikunu jistgħu jingħataw dawk id-drittijiet li joħorġu mill-koperta ta' l-insurance li wieħed ikollu.*

*Sur President, permezz ta` dan l-abbozz se jitwaqqaf korp li jagħti kumpens lill-partijiet li jkunu offiżi li jkunu residenti f'Malta. Dan il-bord irid jara x'tip ta` kumpens irid jagħti ħalli nassiguraw li jkollna kriterji ċari dwar kif jingħataw kumpens. Wieħed jista' jgħid li matul iż-żmien kellna sitwazzjonijiet fejn wieħed forsi jdum ħafna biex jirċievi kumpens, imbagħad meta eventwalment jirċievi dak il-kumpens tqum diffikulta` dwar jekk il-kumpens li ngħata kienx wieħed baxx u affarijiet oħra bħal dawn. Allura qed jitwaqqaf dan il-korp biex jassigura li l-kumpens li jingħata jkun wieħed li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tkun saret. L-ikbar diffikulta` li niffaċċjaw u li trid tiġi mħarsa hija l-mod ta' kif jiġi kkalkolat id-dannu fuq il-persuni u liema persuni għandhom dritt jingħataw kumpens. Dwar dan għad iridu joħorġu avviżi legali li jitkellmu dwar il-kriterji paritkolari li għandu jkun hemm għar-rigward ta' dan il-kumpens.*

***<u>F'dan l-istess abbozz hawn l-obbligu li kull vettura li tkun fit-toroq tagħna trid tkun covered b'insurance</u>***. *Kemm-ild arba qrajna jew smajna b'persuni li kienu involuti f'inċidenti tat-traffiku waqt li kienu qegħdin isuqu l-vettura l-vettura*

*tagħhom, u dawn ma kellhomx cover ta' insurance. Kulħadd jaf li dan huwa riskju qawwi u bla bżonn min-naħa ta' dawk il-persuni li jkunu qegħdin isuqu vettura. Meta tqis l-ammont kbir ta` karozzi li nkunu involuti fl-eluf ta' inċidenti tat-traffiku kull sena bilfors ikollok tgħid li wieħed ikun qed jirriskja ż-żejjed meta jkun qed isuq karozza li ma tkunx inxurjata. Min jieħu riskju bħal dan barra li jista' jsib ruħu f'pożizzjoni li jkollu jħallas għad-danni li jkunu saru, agħar minn hekk jista' jdaħħal f'inkwiet ikbar persuni oħrajn li jkunu korruti jew lill-familjari ta' dik il-perusna li tkun korriet jew alla ħares mietet.* ***Allura jrid jiġi assigurat li kull persuna li tkun qed issuq jkollha insurance cover.***[16] *Jiena naħseb li issa wasal iż-żmien li wieħed jista` jibda jħares lejn il-possibbilta` bl-mezzi elettroniċi li għandna u b'kollaborazzjoni ma' l-aġenziji ta' l-insurances tinġabar informazzjoni biex jiġi assigurat li l-vetturi kollha li jkollna f'pajjiżna jkunu covered b'insurance."*[17]

Ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti temmen li is-sewwieq ta' vettura ghandu ukoll ikun kopert bi polza ta' sigurta'. F'din il-kawza l-appellat ma kellux licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma setax kien kopert bi polza ta' sigurta' li hemm esebita fl-atti registrata f'isem haddiehor.

Jekk persuna tinsab hatja ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu ikun impedut milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza ta' htija. Il-Qorti ghandha id-diskrezzjoni li f'certi cirkostanzi u ghar ragunijiet specjali tista izzid jew tnaqqas il-perijodu tal-iskwalifika jew tordna li l-iskwalifika ma tinghatax .

Din il-Qorti fis-sentenza **il-Pulizija vs Angelo Cassar** deciza fit-2 ta' Frar 1957 qalet li:-

---

[16] Enfasi tal-Qorti

[17] Sessjoni PPleanarja Seduta numru : 814 – l-Erbgha 13 ta' Novembru 2002 p.567 et seq.

*"il-fatt li wiehed jahseb li jkun 'covered' ma hux affattu, sic et simpliciter, 'special reason'. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni tirrileva, din il-frazi 'special reasons', fil-kuntest ta' din il-Ligi, gejja mil-Ligi Ingliza, u l-pont ta' l-'ispecial reasons' gie ferm kunsidrat mill-Qrati Inglizi, u nkitbu diversi testi in materja. Fil-kawza '**Bennison vs Knowler,** All England Law Reports, p. 302, 1947, gie ritenut li l-assikurat hu fid-dover li jinforma ruhu dwar il-portata tal-polza, jekk ma jifhimx sewwa l-estensjoni tal-'cover' taghha; u li, biex ikun hemm 'special reason', jehtieg li mhux biss hu haseb, anke jekk onestament, li kien kopert, imma jehtieg li kien hemm xi cirkustanzi li kienu ragjonevolment jiggustifikawh jahseb hekk."*

In vista tas-suespost din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza fejn ikkundnnat tlett mitt euro ( €300 u fejn illiberat lill-appellant mit-tielet, mir-raba' u hames akkuza pero qieghda tirrevokaha fir-rigward tat-tieni akkuza u tiddikjara li qed issibu hati ta' din l-akkuza u tikkundannah multa ta' elfejn ,erbgha mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centsmu euro (€2429.37) u tiskwalifikah milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena mill-llum.

B'hekk il-multa li ghandu jhallas l-appellat hija ta' €2429.37 liema multa tista tithallas f'rati mensili u konsekkutivi ta' mitejn euro (€200) ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas il-bilanc jigi konvertiti fi prigunerija skond il-Ligi.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**